MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 65/2020 LM

**Answar Ali (detentur tal-Passaport tal-Bangladesh Numru BJ 0701399)**

***vs.***

**Uffiċċjal Prinċipali għall-Imigrazzjoni u l-Bord tal-Appell dwar l-Imigrazzjoni**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell ippreżentat mir-rikorrent fit-8 ta' Ottubru, 2020, hawnhekk "l-appellant", **Answar Ali (detentur tal-Passaport tal-Bangladesh Numru BJ 0701399)**, mid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni (minn issa 'l quddiem "il-Bord") fit-28 ta' Settembru, 2020, (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz tagħha l-Bord iddeċieda illi,

*"After examining the grounds upon which removal order and return decision were issued, the Board finds that the Appellant did not produce any evidence to prove to the satisfaction of the Board that he is not a prohibited immigrant, no proof was shown that the Appellant can support himself and finds that the Appellant contravened the provisions of the Immigration Act and ceased to comply with any of the conditions, including an implied condition under which Applicant was granted leave to land and to remain in Malta and the basis on which the single permit was granted ceased to exist*

*Decide*

*The Board, after having considered documented verbal evidence and documented evidence, submissions made, rejects appellant's appeal in terms of Chapter 217 Article 5 et sequitur of the Laws of Malta."*

**Fatti**

2. L-appellant wasal Malta fit-12 ta' Marzu tal-2020, wara li kien ingħata visa mill-awtoritajiet Maltin biex jivvjaġġa lejn Malta biex jiffinalizza l-applikazzjoni tiegħu sabiex jingħata *single permit based on employment*. L-appellant wasal Malta proprju ftit ġranet qabel mal-awtoritajiet tas-saħħa Maltin iddikjaraw stat ta' emerġenza tas-saħħa pubblika minħabba l-pandemija tal-COVID 19. Fl-4 ta' Ottubru, 2019 l-appellant kien issottometta *a still abroad application,* u t-talba tiegħu għal *residence permit for the purpose of employment* ġiet approvata *in principl*e minn Identity Malta b'ittra tas-16 ta' Novembru, 2019, u l-appellant kellu żmien ta' sitt xhur mid-data ta' din l-ittra biex jaderixxi mal-kundizzjonijiet stipulati fl-imsemmija ittra ta' Identity Malta.

3. Mill-provi jirriżulta li fiż-żmien meta Malta daħlet f'*partial lock-down*, l-appellant spiċċa maqbud hawn Malta f'sitwazzjoni xejn faċli, fejn wara li ġie Malta min-naħa l-oħra tad-dinja, l-opportunità ta' xogħol li kellu sfumat fix-xejn minħabba l-pandemija, ma setax jiċċaqlaq mill-pajjiż minħabba t-*travel ban*, u meta nqalgħatlu opportunità oħra ta' xogħol, lanqas seta' jittrasferixxi l-

applikazzjoni għall-*work permit* li kellu pendenti, għax-xogħol il-ġdid, għax ma setgħetx issir l-applikazzjoni għall-bidla fl-impjieg għaliex l-ewwel impjieg ma kienx ġie reġistrat.

4. Mill-provi jirriżulta wkoll li fis-6 ta' Lulju, 2020 l-appellant, meta allura kellu visa skaduta, siefer lejn l-Italja fejn għadda miż-żona Schengen, u fid-9 ta' Lulju, 2020 intbagħat lura Malta għaliex l-awtoritajiet Taljani ntebħu illi l-appellant kellu visa skaduta mill-31 ta' Mejju 2020. Konsegwentement fl-10 ta' Lulju, 2020 inħarġu kontra l-appellant deċiżjoni ta' ritorn u ordni ta' tkeċċija u *entry ban* validu għall-perijodu ta' tliet snin għax kien qiegħed fiż-żona Schengen illegalment u ġie meqjus bħala immigrant ipprojbit. Kien għalhekk li r-rikorrent ipproċeda b'appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni.

**<u>Mertu</u>**

5. Fl-appell tiegħu quddiem il-Bord, ir-rikorrent spjega illi l-intenzjoni tiegħu dejjem kienet li japplika biex ikollu permess ta' residenza f'Malta minħabba x-xogħol tiegħu. Qal li għamel ħiltu kollha biex jirregolarizza l-pożizzjoni legali tiegħu f'Malta, iżda dejjem sab diffikultajiet burokratiċi kbar quddiemu. L-appellant qal li huwa spiċċa f'din is-sitwazzjoni diffiċli mhux għax mexa b'mod flagranti kontra d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, imma l-problemi li sab ruħu fihom inqalgħu unikament minħabba l-pandemija tal-COVID 19, forza maġġuri li ma kellux kontroll fuqha.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-28 ta' Settembru, 2020, il-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrent *ai termini* tal-artikolu 5 *et seq*. tal-Kap. 217, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"*Facts of the case*

*Appellant travelled to Italy on the 6th of July, 2020 and returned back to Malta on the 9th of July, 2020 on the grounds indicated above. Appellant had initially arrived in Malta during the month of March, 2020 after lawfully obtaining a single permit which his employer had obtained while appellant was still abroad. The employer terminated appellant's employment due to the pandemic COVID. The Board was informed that an alternative employment was sought and obtained, however appellant's new employer never effected a change in employment. A representative from Identity Malta presented documents showing that appellant's employer had cancelled appellant's single permit. Confirmation was also obtained to confirm that no new application or change of employment was received or in the process of being concluded. It was also stated by said representative that during the pandemic and during the partial lockdown which Malta put in place, an online system was available to everyone, thus any changes could still be effected. Also, appellant's visa expired on the 21st of May, 2020 to which no extension was effected.*

*Applicable law*

*Article 5(1) of Chapter 217 of the Laws of Malta states that,* "any person, other than the one having the right of entry, or of entry and residence, or of movement or transit under the preceding Parts, may be refused entry, and if he lands or is in Malta without leave from the Principal Immigration Officer, he shall be a prohibited immigrant".

Article 5(2)(a) then goes on to say "if he is unable to show that he has the means of supporting himself and his dependants (if any) or if he or any of his dependants is likely to become a charge on the public funds;

(b) he is suffering from mental disorder or is a mental defective; or

(c) if, having landed in Malta pursuant to or under any regulation made under Article 44 and/or 50 of the provisions of the Prevention of Disease Ordinance, he is still in Malta after the lapse of the period of 15 days from the day on which the Superintendent of Public Health certifies in writing that the stay of such person in Malta is no longer required under and for the purpose of such regulation; or

(d) if he is found guilty by a court of Criminal Jurisdiction in Malta of an offence against any of the provisions of the White Slavery Traffic (Suppression) Ordinance or of the Dangerous Drugs Ordinance or of a crime, other than involuntary homicide or or involuntary bodily harm, which, in the case of a first crime committed by such person, is punishable with imprisonment for a term of not less than one year or, in the case of a second or subsequent crime committed by such person, is punishable with imprisonment for a term of not less than three months; or

(e) if he contravenes any of the provisions of this Act or of any regulations made thereunder; or (f) if he does not comply or ceases to comply with any of the conditions, including an implied condition, under which he was granted leave to land or to land and remain in Malta or was granted a residence permit; or(g) if any circumstance which determined the granting of leave to land or to land and remain in Malta or the extension of such leave or the granting of a residence permit ceases to exist; or

(h) if such person is a prostitute; or

(i) if he is a dependant of a person who is a prohibited immigrant under any of the provisions of this sub-article.

*After examining the grounds upon which removal order and return decision were issued, the Board finds that the Appellant did not produce any evidence to prove to the satisfaction of the Board that he is not a prohibited immigrant, no proof was shown that the Appellant can support himself and finds that the Appellant contravened the provisions of the Immigration Act and ceased to comply with any of the conditions, including an implied condition under which Applicant was granted leave to land and to remain in Malta and the basis on which the single permit was granted ceased to exist.*

*Decide*

*The Board, after having considered documented verbal evidence and documented evidence, submissions made, rejects appellant's appeal in terms of Chapter 217 Article 5 et sequitur of the Laws of Malta."*

## L-Appell

7. L-appellant ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord, u intavola appell minnha fit-8 ta' Ottubru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*" ... jogħġobha tilqa' l-aggravji tal-Appellant u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell għall-Imigrazzjoni appellat fil-konfront tal-Appellant datata 28 ta' Settembru 2020 u konsegwentament tiġi revokata l-Ordni tal-Ħruġ fil-konfront tal-Appellant;*

*Alternattivament, tordna lill-istess Bord jikkunsidra mill-ġdid it-talbiet tal-Appellant."*

8. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jgħid li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni appellata għaliex il-Bord ma ħax inkonsiderazzjoni d-dokumentazzjoni prodotta mill-appellant biex isostni l-pożizzjoni tiegħu. L-appellant jgħid li fid-deċiżjoni appellata, il-Bord saħaq li *"the Appellant did not produce any evidence to prove to the satisfaction of the Board that he is not a prohibited immigrant, no proof was shown that the Appellant can support himself"*. L-appellant jgħid li l-intenzjoni tiegħu minn dejjem kienet ċara, li japplika biex ikollu permess ta' residenza f'Malta minħabba x-xogħol tiegħu. L-appellant qal illi kif spjega quddiem il-Bord, huwa għamel ħiltu biex jirregolarizza l-pożizzjoni legali tiegħu f'Malta, iżda dejjem sab diffikultajiet burokratiċi kbar quddiemu. L-appellant qal ukoll li huwa ma rċeviex kopja tax-xhieda li ngħatat minn uffiċċjal ta' Identity Malta li ġie mħarrek mill-appellant stess biex jagħti x-xhieda tiegħu u għaldaqstant tqiegħed f'pożizzjoni ta' żvantaġġ hekk kif ma jistax jirreferi għal din ix-xhieda fl-appell tiegħu. L-appellant jgħid li huwa ppreżenta quddiem il-Bord mhux xi wegħda fiergħa ta' impjieg prospettiv, imma kuntratt ta' impjieg li kien juri li huwa kellu xogħol prospettiv. L-appellant qal li fid-deċiżjoni tiegħu, il-Bord jagħti x'jifhem li minkejja li kienet għaddejja l-pandemija tal-COVID 19, l-appellant xorta waħda seta' japplika biex ibiddel l-impjieg għaliex Identity Malta kienet nediet sistema *online*, imma l-Bord ma ħax konjizzjoni tal-fatt li dan ma setax issir għaliex l-ewwel impjieg tal-appellant qatt ma ġie reġistrat u għaldaqstant ma' setgħetx tiġi sottomessa applikazzjoni biex jitbiddel l-impjieg ladarba ma kienx hemm reġistrazzjoni preċedenti. Barra minn hekk l-appellant kien għamel talba biex jingħata l-ħelsien provviżorju, liema talba kienet intlaqgħet mill-istess Bord għaliex kien hemm persuna li offriet lill-appellant sabiex isservi ta' garanzija għalih, liema persuna offriet ukoll li tħalli lill-appellant jgħix fl-istess residenza tagħha u biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tiegħu. Għalhekk il-Bord kien

f'pożizzjoni li jikkonferma kif minkejja li l-appellant ma kellux xogħol biex imantni lilu nnifsu, xorta waħda kellu min jagħmel tajjeb għalih sakemm tiġi proċessata l-applikazzjoni tiegħu minn Identity Malta, kieku tħalla japplika għax-xogħol il-ġdid tiegħu. L-appellant jgħid li billi ma ħax konjizzjoni ta' dawn id-dokumenti, il-Bord naqas milli jevalwa sew it-talbiet tal-appellant.

Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li l-penalità imposta mill-Uffiċċjal Prinċipali tal-Imigrazzjoni, jiġifieri l-projbizzjoni ta' tliet (3) snin qabel mal-appellant ikun jista' jirritorna fiż-żona Schengen, hija piena sproporzjonata meta wieħed jikkunsidra li l-problemi tal-appellant inqalgħu unikament minħabba l-pandemija tal-COVID 19. Għaldaqstant, m'għandhiex tiġi imposta penalità li normalment tkun riżervata għal persuni li jkunu mxew b'mod flagranti kontra d-dispożiżjonijiet tal-Att dwar l-Imigrazzjoni (Kap. 217) fuq persuna li sabet ruħha intortament fis-sitwazzjoni tal-appellant minħabba forza maġġuri li ma kellux kontroll fuqha.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

9. Fir-risposta tal-appell tagħhom l-appellati wieġbu li d-deċiżjoni tal-Bord hija ġusta u timmerita konferma. L-appellati jgħidu li effettivament dak li qiegħed jittenta jagħmel l-appellant permezz ta' dawn il-proċeduri, huwa illi jsir rieżami tal-provi prodotti mill-appellant quddiem il-Bord. L-appellati jsostnu li din il-Qorti m'għandhiex tevalwa l-provi prodotti quddiem il-bord tal-ewwel istanza għaliex id-dritt t'appell f'dawn il-każijiet jeżisti biss fuq punt ta' liġi u mhux biex issir evalwazzjoni mill-ġdid tal-provi prodotti.

Sussidjarjament u fil-mertu l-appellati jgħidu li l-fatt illi l-Bord ma kienx konvint mill-provi prodotti mill-appellant, ma jfissirx illi d-deċiżjoni tal-Bord hija waħda żbaljata. L-appellati jgħidu li l-Bord sema' kif l-appellant daħal ġewwa Malta b'*single work permit* fejn ix-xogħol li suppost kellu ma' kumpannija privata ma mmaterjalizzax u għalhekk l-istess kumpannija irtirat il-permess rikjest minna. L-appellati spjegaw kif fl-eqqel tal-pandemija Identity Malta ħejjiet sistema *online* sabiex persuna fl-istess pożizzjoni tal-appellant jirregola ruħu sabiex ikun hemm il-bidliet neċessarji mill-applikant u l-*employer* fir-rigward tal-impjieg tiegħu. Skont l-appellanti dan kollu ma seħħx minkejja illi l-appellant jibqa' ssostni illi għandu impjieg regolari u li jista' jsostni ruħu. L-appellati jgħidu li kieku vera ried illi jġib prova ta' dan quddiem il-Bord, l-appellat kien iħarrek l-*employer* il-ġdid tiegħu u jagħmel minn kollox sabiex dan l-aħħar *employer* jaffettwa l-bidla mitluba fis-sistema ta' Identity Malta.

L-appellati jikkontestaw is-sottomissjoni tal-appellant fejn jgħid illi huwa ġie ppreġudikat għaliex ma ngħatax traskrizzjoni tax-xhieda ta' rappreżentant ta' Identity Malta, liema xhud ħarrku huwa stess in eżami. L-appellati jgħidu li semmai kien ikun il-parti in kontradittorju illi jkun preġudikat għaliex jkollu dritt ta' kontroeżami, imma żgur mhux il-parti li qed tmexxi l-eżami tax-xhud. Jgħidu illi l-appellant jilmenta illi qatt ma seta' jintavola applikazzjoni *online* għaliex l-impjieg oriġinali tiegħu ma kienx ġie reġistrat u jistaqsu x'jaħti l-Bord jekk tali impjieg qatt ma ġie reġistrat.

Fir-rigward tat-tieni aggravju tal-appellant li jikkonċerna l-projbizzjoni u l-penalità imposta mill-Uffiċċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, jigifieri l-projbizzjoni ta' tliet (3) snin li l-appellant ma jkunx jista' jirritona fiż-żona Schengen, li skont l-appellant hija piena allegatament sproporzjonata għaliex l-aġir tiegħu kien

iddettat mis-sitwazzjoni tal-pandemija, l-appellati jsostnu li dan l-aggravju qatt ma jista' jreġġi. L-appellati jgħidu li jekk huwa minnu li l-appellant kellu impjieg ġdid f'pajjiżna, suppost ma kellu ebda raġuni għalfejn isiefer lejn l-Italja u jipprova jaħrab minn Malta. L-appellati jgħidu li din l-Qorti għandha tgħarbel il-fatt illi l-appellant wera l-intenzjonijiet tiegħu illi jaħrab minn Malta u mhux illi jaħdem ġewwa Malta u l-problema ma kinitx il-pandemija attwali għaliex l-pjaga tal-COVID 19 ġewwa l-Italja hija waħda serja jekk mhux aktar serja minn dik f'Malta.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, flimkien mas-sottomissjonijiet tal-appellat, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Bord fid-deċiżjoni appellata.

*L-ewwel aggravju:* *il-Bord ma ħax inkonsiderazzjoni d-dokumentazzjoni prodotta mill-appellant biex isostni l-pożizzjoni tiegħu*

10. Huwa punt kardinali tal-liġi tal-proċedura illi l-ġudikant fl-apprezzament li jrid jagħmel tal-provi, għandu jieħu konjizzjoni tal-provi kollha li jiġu mressqa quddiemu, tal-provi li jkunu ġew meqjusa ammissibbli u li jkunu kkunsidrati bħala rilevanti għal mertu. Fi proċeduri quddiem il-qrati inferjuri jew quddiem tribunali bħalma huwa l-Bord, il-kawżi għandhom jitmexxew sommarjament u bl-akbar ħeffa li tkun kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.[1] Kwantu għas-sentenzi li jingħataw mill-qrati u tribunali msemmija, mhux meħtieġ li dawn ikunu jinkludu r-raġunijiet kollha li waslu għalihom, iżda huwa

[1] Ara b'analoġija l-artikolu 215 tal-Kap. 12.

biżżejjed jekk jissemmew biss il-punti ewlenin li fuqhom il-qorti jew tribunal ikunu bbażaw l-konklużjonijiet tagħhom.[2] Għalfejn fil-każ odjern il-Bord ibbaża l-konklużjonijiet tiegħu fuq ir-*records* ta' Identity Malta, u ma sar l-ebda riferiment għad-dokumentazzjoni prodotta mill-appellant bħala xhieda tal-opportunità tat-tieni impjieg li qal illi kellu, huwa punt ewlieni li fuqu bbaża l-konklużjonijiet tiegħu l-Bord, liema punt ewlieni kellu ċertament jikkonfigura fid-deċiżjoni appellata. Li dan ma sarx, huwa ċertament punt ta' dritt li minnu jista' jsir appell quddiem din il-Qorti. Mhuwiex ikkontestat li l-appellant ma kienx aġġjorna l-applikazzjoni tiegħu bl-opportunità li sab ta' impjieg ġdid minħabba intoppi burokratiċi. Dan għaliex ma kienx hemm x'jiġi aġġjornat peress li l-applikazzjoni dwar l-impjieg oriġinali kienet ġiet iritirata mill-*employer* wara li nqalgħet il-pandemija tal-COVID 19. Allura tqum il-mistoqsija għalfejn il-Bord fid-deċiżjoni appellata xorta waħda rabat il-konklużjonijiet tiegħu ma' dak li ma setax jirriżulta mir-*records* ta' Identity Malta u fl-istess ħin m'għamel l-ebda riferiment għad-dokumentazzjoni dwar it-tieni impjieg li l-appellant ressaq quddiemu. Mhux biżżejjed li fir-risposta tal-appell tagħhom l-appellati jistaqsu x'jaħti l-Bord jekk it-tieni impjieg qatt ma ġie reġistrat, mingħajr ma jistaqsu għalfejn dan qatt ma ġie reġistrat. Ma kellhomx jiġu injorati ċ-ċirkostanzi li sab ruħu fihom l-appellant, li ġie min-naħa l-oħra tad-dinja biex jaħdem f'impjieg modest ma' kumpannija ta' tindif hawn Malta, u ftit jiem wara din l-opportunità ta' xogħol żvintat fix-xejn minħabba l-pandemija, jinqabad f'*lock-down* parzjali hawn Malta, bit-tieni impjieg li sab hawn Malta ma setax jiġi reġistrat ma' Identity Malta minħabba raġunijiet burokratiċi, u f'din is-sitwazzjoni ddisprata, hekk kif spiċċa l-*lock-down* fettillu jagħmel 'ġennata' u jsiefer lejn l-Italja b'visa

---

[2] Ara b'analoġija l-artikolu 171(3) tal-Kap. 12.

skaduta, f'pajjiż fejn hemm ferm aktar qagħad u ferm inqas opportunitajiet ta' xogħol minn Malta.

Din il-Qorti bl-ebda mod ma trid tinterferixxi fl-apprezzament tal-provi li sar mill-Bord, imma dak li kellu jiġi żgurat huwa li l-Bord jieħu konjizzjoni tal-provi kollha li ġew imressqa quddiemu, inkluż id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-appellant, u dwar dan il-punt ewlieni fid-deċiżjoni appellata kellu jingħad għalfejn din id-dokumentazzjoni ġiet skartata bħala prova u mhux ma jsir l-ebda riferiment għaliha. Tqis għalhekk li dan l-aggravju huwa mistħoqq u tilqgħu.

*It-tieni aggravju:* *il-piena sproporzjonata imposta mill-Uffiċċjal Prinċipali tal-Imigrazzjoni*

11. Fir-risposta tal-appell tagħhom l-appellati jgħidu li l-penalità imposta fuq l-appellant, il-projbizzjoni ta' tliet (3) snin fejn l-appellant ma jkunx jista' jirritona fiż-żona Schengen, għandha sservi ta' deterrent biex l-aġir tal-appellant ma jerġax jirrepeti ruħu wara li jkun għadda l-perijodu tal-projbizzjoni. Min-naħa tiegħu l-appellant jikkontendi li din il-penalità ħarxa normalment tiġi riżervata għal min ikun mexa b'mod flagranti kontra d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni u mhux f'każ bħal tal-appellant li spiċċa intortament fis-sitwazzjoni li sab ruħu minħabba forza maġġuri li ma kellux kontroll fuqha.

Il-Qorti tqis li l-esperjenza trawmatika li sab ruħu fiha l-appellant, fejn anki għamel ukoll diversi ġimgħat arrestat, kienet aktar minn biżżejjed bħala deterrent. Tqis ukoll li fiċ-ċirkostanzi umanitarji li sab ruħu fihom l-appellant, il-penalità imposta mill-intimat Uffiċċjal Prinċipali għall-Imigrazzjoni hija ċertament waħda sproporzjonata. Għalhekk tqis li anki t-tieni aggravju huwa ġustifikat u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tilqa' l-aggravji kollha tal-appellant, u filwaqt li tħassar u tannulla d-deċiżjoni appellata, tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet tal-appellant wara li jkun ingħata qies xieraq tal-konsiderazzjonijiet li saru minn din il-Qorti f'din is-sentenza.**

**Spejjeż ta' dan l-appell a karigu tal-appellati.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**